# ID-DELL TA' RUĦI

*Ta'* V.M. PELLEGRINI

Id-dell ta' ruħi
jaħrab lejn għabex ta' ħżuż,
lejn ċpar ta' kotba
u ta' kliem.

Id-dell ta' ruħi!

Wasalt fix-xifer
fejn jispiċċaw ix-xewqat
u ġ-ġelbin tad-dmugħ
jitbiddel f'alabastru
ta' spiritwalità.

Id-dell ta' ruħi!

Il-kobba mħabbla ta' l-uġigħ
titrażżan,
iżda jibqa' l-għaliex u l-ħtija
tax-xewqat ta' kuljum,
għad-daqqiet ta' għajn
u għall-bews ta' għatx l-imħabba.

Geġwiġija ta' kwiekeb
imdaħħna
iħawduli kull ħsieb u fantasija
li diġà nħosshom immermra.

Id-dell ta' ruħi!

Iżda dehra qarrieqa
tgħammixli għajnejja,
u l-kelma mħabba, mċajpra,
nilmaħ mriegħed.

Rużinjol ta' qalbi!
Rużinjol!
għad narġa' nisimgħek tgħanni?



# IN-NISEL TAL-FRAŻI "ABBA L-WEJDA"

Ta' ERIN SERRACINO-INGLOTT

Fost il-frażijiet qodma fil-Malti li qegħdin qalqajl imutu hemm dik ta' "*Abba l-wejda*". Il-lum x'aktarx li huma x-xjuħ biss li għadhom jiftakruha u li forsi ġie li qaluha lil ulied uliedhom meta kienu trabi. Niftakar li qaluha lili bosta drabi nannieti u xi xjuħ oħra meta kont għadni ngħodd snini fuq id waħda!

Imma tgħid kollha kienu jafu tajjeb xi tfisser sewwa? U tgħid kien hemm xi ħadd fosthom li kien jaf mnejn hi ġejja għall-anqas l-ewwel waħda: "*abba*"?

"*Wejda*" hi, m'għandniex x'ingħidu, id-diminuttiv tal-kelma "id", mibnija bis-sengħa tal-grammatika biż-żjieda mħaxkna tal-konsonanti dgħajfin "w" u "j", fuq il-għamla ta' "dwejra" minn "dar" u ta' "twejqa" minn "tieqa". Tfisser għalhekk "id ċkejk-na" jew aħjar "id ta' tarbija". Hi kelma li tagħmel sehem minn dak li drajna nsejħulu "baby language."

U l-kelma "*abba*"?

Id-dizzjunarji Maltin (barra dawk ta' Vella u ta' Busuttil, li ma tawhiex) jagħtuha bħala verb, bl-imperfett "jabbi", u bit-tifsira ta' "bies", bla ma jżidu xejn aktar għajr li hi "voce fan-ciullesca." Iżda jidhirli li l-imperfett "jabbi", *li ma jingħadx*, hu għal kollox artifiċjali. U dan iwettqu indirettament Caruana li, għad li jagħtih ukoll bħala "abba, jabbi", iżid imbagħad hekk: "Adoperasi parlando a fanciulli, e in alcune inflessioni dell'ind. e dell'imp. soltanto," u jagħti l-eżempji "Ejja nabbak, vieni che io ti baci" (indikattiv imperfett bil-prefissi u s-suffissi pronominali) u "Abba l-vava, bacia la bambina" (imperattiv).

Minn dawn iż-żewġ eżempji, l-ewwel wieħed (kieku ma kienx artifiċjali, kif inħoss li hu) juri li "jabbi" (mogħtija minnu wara Falzon u Vassalli) hi ħażina, għax kieku l-eżempju tiegħu kien ikun "ejja nabbik"; u t-tieni wieħed (fil-waqt li juri l-istess in-konsistenza, għax inkella kien imissu jkun "abbi l-vava" wkoll) iwettaq biss li dan il-verb irregolari hu (jew kien) użat *biss* fl-imperattiv, kif, madankollu, turi l-frażi magħrufa komunement. "Abba l-vava" hi fuq il-għamla tal-frażi magħrufa "abba l-wej-da," u hi biss hija t-tajba.

X'sura ta' verb hu dan "abba" li minnu m'għandniex ħlief dan l-imperattiv iżolat, jista' jgħidulna biss in-nisel tagħha meta nkunu nafu l-għerq.

Dwar in-nisel, Caruana jgħidilna hekk: "Sembra nato da ab', padre, non in senso di potestà e di superiorità, ma in rife-